MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 219/2008

**Talba Nru: 219/2008VGD**

Hermann Magro (Id. 744049M) f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Anna Magro (Id. 552525M), u Josette (Id. 570148M) u Nathalie (Id. 663757M) ahwa Magro.

Vs

Josephine Fava.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qedin jitolbu minghand il-konvenuta l-hlas tas-somma ta' elf, seba mija, seba u erbghin Ewro u tlett centezmi (€1747.03) ekwivalenti ghal Lm750, liema ammont huwa dovut mill-konvenuta fuq arretrati ta' kera mensili bil-quddiem ghall-appartament 'Scotia', Flat 1, Triq il-Progress, Birzebbugia, mill-perjodu Settembru 2007 sa Marzu 2008.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna lill-konvenuta thallas s-somma ta' elf, seba mija, u seba u erbghin Ewro u tlett centezmi (€1747.03). L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------